**135. L-Onor Joe Mizzi jipproponi:**

Din il-Kamra:

Tinnota li l-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Telekomunikazzjoni poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra Avviż Legali 34 tal-2010: "Att li jirrigwarda l-Enemalta (Kap 272): Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku" u Avviż Legali 36 tal-2010: "Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap 423): Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma";

Titħasseb bis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali diffiċli li bħalissa qed iħossu l-familji u n-negozji f'pajjiżna, liema sitwazzjoni hija prinċiparjament l-effett ta' deċiżjonijiet meħuda minn dan il-Gvern fi żmien meta l-qagħda ekonomika internazzjonali tirrekjedi politika li tistimula b'mod għaqli l-ekonomija u ma tkomplix tgħabbiha bi spejjeż żejda, speċjalment dawk li ġejjin mill-ineffiċjenzi tal-monopolji statali konċernati;

Tinnota li dawn id-diffikultajiet ekonomiċi se jkunu qed jiżdiedu bil-piżijiet taż-żidiet fit-tariffi mħabbra f'dawn l-Avviżi Legali;

Tagħraf li dawn iż-żidiet fit-tariffi qed ipoġġu fil-periklu postijiet tax-xogħol fi żmien meta l-ekonomija tagħna teħtieġ li tirkupra malajr mis-sitwazzjoni preżenti;

Tfakkar li parti miż-żidiet kontemplati fl-Avviżi Legali huma maħsuba biex jagħmlu tajjeb għall-ineffiċjenzi li jirriżultaw mill-mod ta' kif qed jiġu mmexxija monopolji statali konċernati, minħabba kalkoli tekniċi ta' Return on Capital Employed li tefgħu aktar piż fuq il-familji u negozji, kif ukoll minħabba assunzjonijiet żbaljati li saru mill-persuni responsabbli fix-xhur li għaddew;

Tinnota li kien hemm għadd ta' diskrepanzi u nuqqas ta' informazzjoni ċara u pubblika fil-figuri differenti mogħtija mill-Gvern u mill-awtoritajiet matul ix-xhur li għaddew, fosthom dwar il-mod kif inħadmu dawn it-tariffi, ix-xiri ta' żejt u l-operat tal-monopolji statali konċernati;

Tinnota li permezz ta' dawn l-Avviżi Legali qed jiġi formalizzat id-dħul tal-kunċett ta' Taxxa fuq id-Drenaġġ

Titħasseb li dawn l-Avviżi Legali ġew ippubblikati filwaqt li l-Gvern qed jgħid li qed jikkonsulta mal-imsieħba soċjali, liema konsultazzjoni ma saritx qabel ma daħlu fis-seħħ iż-żidiet fit-tariffi;

Tikkonsidra li anke meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-kumpens li l-Gvern qal li se jagħti lill-familji, dan xorta se jħalli lill-istess familji jiffaċċjaw prattikament l-istess livelli rekord ta' tariffi mħabbra f'Ottubru 2008 meta l-prezz taż-żejt kien saħansitra ogħla;

Titħasseb li t-tariffi mħabbra għal negozji u industrija huma l-ogħla fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, u li dan il-fatt ixekkel lil dawn in-negozji milli jirkupraw mis-sitwazzjoni li jinsabu fiha u joħolqu postijiet tax-xogħol ġodda, u saħansitra jipperikola postijiet tax-xogħol eżistenti;

Tqis li fil-kuntest ta' dan kollu, dawn l-Avviżi Legali huma anti-soċjali, jimminaw l-ekonomija u x-xogħol, u għaliex se jgħabbu lill-familji u negozji b'piżijiet akbar li se jkollhom impatt qawwi fuq il-livell tal-għajxien u l-kompetittività ta' pajjiżna.

Għaldaqstant, din il-Kamra:

Tesiġi li Avviż Legali 34 tal-2010: "Att li jirrigwarda l-Enemalta (Kap 272): Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku" u Avviż Legali 36 tal-2010: "Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap 423): Regolamenti tal-2010 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma" għandhom jiġu revokati u għandhom jittieħdu l-passi kollha meħtieġa biex pajjiżna jibda joħroġ mis-sitwazzjoni li nġab fiha.

01.02.10